TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 328/11/GZ

**Rose Cassar u Eugenio Abdilla**

**vs**

**Reuben Cassar – Cassar Garage Motoring School**

Illum 24 ta' Jannar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Awissu, 2011, fejn ir-rikorrent talbet rifuzjoni ta' sebgha mitt Ewro (€700.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal lezzjonijiet tas-sewqan, wara liema ma ghaddietx mit-test tas-sewqan.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ma kien hemm l-ebda tilwima. Hija kienet tmur ghand Reuben Cassar Motoring School ghal zewg (2) lezzjonijiet tas-sewqan fil-gimgha, fejn kienet thallas ghaxar Ewro (€10.00) kull siegha, u cioe' kienet thallas ghoxrin Ewro (€20.00) fil-gimgha, minghajr mas-socjeta' ntimata kienet ittiha rcevuta. Barra minn hekk, wara ghaxar (10) xhur shah kienet marret taghmel it-teorija, ghaliex is-socjeta' ntimata qatt ma kienet qaltilha sabiex tmur. Ir-rikorrenti marret u ghaddiet mill-ewwel u meta qalet lis-socjeta' ntimata li ghaddiet kienet qaltilha li mela issa jahsbu ghat-test, u f'xahar is-socjeta' riedet tghallem lir-rikorrenti kollox f'daqqa li f'dawk l-ghaxar (10) xhur is-socjeta' ntimata ma kenitx ghallmitha. Is-socjeta' tellghat lir-rikorrenti ghat-test minghajr ma ssikkatha biex ittellaghha. Ir-rikorrenti ma ghaddietx mit-test u minn

hemm s-socjeta' ntimata la cemplitilha u lanqas meta ma ghaddietx ma qaltilha issa nafsu fuq dak li ghamilt hazin u tghaddi darb'ohra. Minn hemm is-socjeta' la cemplet lir-rikorrenti, u r-rikorrenti bdiet iccempel lis-socjeta' pero' ma rrispondietx. Imbaghad qaltilha sabiex tmur nhar il-Hamis pero' hallietha nofs siegha tistenna u ma cemplitx lir-rikorrenti sabiex tghidilha li kellha l-hsara fil-karozza meta din is-socjeta' ghandha zewg (2) karozzi. Ir-rikorrenti dejjem baqghet iccemplilha lis-socjeta' biex tkompli tghallimha u ddum kemm hemm bzonn. Is-socjeta' ntimata baqghet tinjora lir-rikorrenti sa fl-ahhar qaltilha illi ma kenitx ser tkompli ghaliex is-socjeta' ma hassietx ruhha komda mar-rikorrenti. Dan ma kienx kliem li s-socjeta' kienet qalet lir-rikorrenti meta hadetilha sebgha mitt Ewro (€700.00) u mbaghad remietha.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata bil-fatt li s-socjeta' ntimata hadetilha il-flus u telqitha ghal xejn b'xejn, ghalhekk hija qed titlob lura l-flus li kienet taghtha fl-ammont ta' sebgha mitt Ewro (€700.00).

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Dwar it-Teorija, bhal studenti ohra hija tat CD lir-rikorrenti sabiex titghallem fuqha. Bhala lezzjonijiet ta' sewqan, ir-rikorrenti attendiet minn Gunju 2010 sa April 2011. dawn kienu lezzjonijiet fuq il-karozza. Ir-rikorrenti ma titghallimx malajr u hi stess ma kenitx thossha li tghallmet bizzejjed. Meta ddecidiet li tmur ghat-test tat-Teorija u ghaddiet, hadet ic-certifikat u s-socjeta' ntimata setghat tghidilha titla' ghat-test tas-sewqan. Ir-rikorrenti ma ghaddietx. Is-socjeta' qatt ma tat garanzija lil xi hadd li bilfors jghaddi mit-test. Wara li r-rikorrenti ma ghaddietx mit-test tas-sewqan, hija ppretendiet li s-socjeta' tibqa' tghallimha b'xejn, jew ahjar, li s-socjeta' ttiha l-flus lura. Minhabba l-atitudni tar-rikorrenti u t-tghajjir u t-theddid tal-partner taghha, u l-insulti u l-allegazzjonijiet, is-socjeta' ntimata ma setghatx tibqa' tghallimha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, billi stqarret illi hija riedet il-flus lura li kienet hallset lis-socjeta' ntimata ghall-lezzjonijiet tas-sewqan minhabba l-fatt illi hija ma kenitx ghaddiet mit-test tas-sewqan. Xehdet ukoll illi s-socjeta' ntimata qatt ma kienet taghtha rcevuti tal-VAT.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u stqarret li hija ma tghatix garanzija li bniedem li tela' ghat-test tas-sewqan ser jghaddi bilfors, ghaliex dan irid juri l-kapacita' tieghu min-naha tieghu wkoll. Ir-rikorrenti ppretendiet illi s-socjeta' tibqa' tghallimha u fl-ahhar meta s-socjeta' ma accettatx l-arroganza taghha, hija riedet flusha lura.

Is-socjeta' ntimata obbligat ruha li tezebixxi l-ircevuti tal-VAT, liema rcevuti ma kienux nghataw lir-rikorrenti ghas-semplici raguni li l-garaxx in kwistjoni kien fuq isem huh li gie nieqes. Dawn l-ircevuti fil-fatt gew ezebiti wara s-seduta u gew immarkati bhala Dok.RC1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li r-rikorrenti kienet hallset l-ammont in kwistjoni ta' sebgha mitt Ewro (€700.00) ghal servizz specifiku, u cioe' ghall-lezzjonijiet tas-sewqan, liema servizz inghata minghajr ebda problema ta' xejn u b'mod sodisfacjenti; u flimkien mal-fatt ukoll li s-socjeta' ntimata ma kellha l-ebda tip ta' responsabbilita' rigwardanti l-fatt li r-rikorrenti ma ghaddietx mit-test tas-sewqan, qed isib it-talba tar-rikorrenti manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**